**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 502/2021 RM**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**FELICE DELIA**

**LUCAS VASSALLO**

**Illum, 27 ta’ Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta’ **FELICE DELIA** iben Emmanuele u Rita neè Bugelli, residenti fil-fond bl-isem ‘Lantas’, Triq il-Bidni, Marsaskala detentur tal-karta tal-identità 0307765M imwieled Zabbar nhar i-21 ta’ Gunju, 1965, u **LUCAS VASSALLO** iben Paul u Josephine neè Lia, residenti fil-fond bin-numru Block 3, Flat 4, Triq Luqa, Tarxien, detentur tal-karta tal-identità 066590M imwieled Pieta nhar l-24 ta’ Dicembru, 1989, akkużati talli nhar it-23 ta’ Gunju, 2021, u fil-granet, gimghat u xhur ta’ qabel gewwa l-akwata maghrufa bhala ‘Tal-Bidni’, Marsaskala, b’diversi atti

magħmula minnkom fi żminijiet u postijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :-

1) Ma ħadtux dawk il-passi raġjonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżguraw li l-htigijiet ta' annimal li kontu responsabbli ghalih, jew li qbiltu li tiehdu hsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tigi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, giegheltu annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zammejtu jew qbiltu li zzommu annimali minghajr ma kontu responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bhala rizultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Felice Delia bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet li-żewġ imputati waqt l-eżami iwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

L-akkużi dwar ir-reati addebitati liż-żewġ imputati f'dawn il-proċeduri, nibtu minn rapport li kien hemm żiemel f'qagħda magħdura ħafna li kien qed jinżamm ġewwa għalqa fl-inħawi ta' Bindi ġewwa Marsascala.

**L-imputat Felice Delia** ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija fit-2 ta' Lulju 2021 waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija u wara li ngħata d-drittijiet legali kollha tiegħu. Hu qal li jorqod f'żewġ kmamar fl-akkwati ta' Bindi, Marsascala ftit 'il bogħod mill-kamra fejn kien qed jinżamm iż-żiemel ta' ċertu Lucas, ħabib tiegħu, liema żiemel jaqbel li huwa l-istess żiemel li jidher f'ritratti li ntwerielu dak il-ħin waqt l-interrogazzjoni (esebit Dok. EM1). Qal li għalkemm l-għalqa hija tiegħu, il-kamra m'hijiex tiegħu u kien bnieh Lucas bil-ġebel tal-ħajt.

Felice Delia stqarr li madwar tliet xhur qabel, Lucas kien ġablu ż-żiemel tiegħu biex jeħodlu ħsiebu u meta ġabu kien diġa' imħarbat u magħlub ħafna iktar milli meta kienu sabuh il-Pulizija. Stqarr ukoll li Lucas kien iġiblu titqib u vitamini u kienu jtaqqbuh kull filgħodu, jeħduh dawra izda mbagħad iż-żiemel kien jgħejja u kienu jerġgħu jieħduh f'postu. Iż-żiemel kien ġarrab il-ġrieħi li nstabu fuqu għaliex kien jinstelaħ meta kien jitmiegħek mal-art iżda huwa kien dewwieh bl-ilma baħar. Felice Delia ċaħad li kien jieħu ħsieb dan iż-żiemel u insista li kien Lucas li kien

responsabbli għall-ikel u mediċina għaż-żiemel. Iżda stqarr li huwa kien jitimgħu kuljum għax Lucas kien traskurat u dwar dan kien iċempel lil Lucas kuljum. Darba minnhom kien sab iż-żiemel fl-art u ma riedx iqum u hemmhekk ċempel lil Lucas Vassallo biex jgħidlu li ż-żiemel marid, iżda għalkemm qallu li kien ġej jgħinu, dam ħafna ma ġie. Qal li dakinhar Lucas Vassallo kien mar il-Marsa u ġab fliexken tal-gass abjad u kannella u siringi, iżda kien itaqqbu huwa stess għaliex kien ilu snin itaqqab żwiemel. Iż-żiemel kien iqum iżda wara xi żmien kien jerġa' jaqa'.

**Lucas Vassallo, il-ko-imputat**, ġie interrogat mill-Pulizija fil-21 ta' Lulju 2021 u rrilaxxa stqarrija wara li kien ġie mwissi bid-drittijiet legali tiegħu u wara li ddikjara li jirrinunzja għad-dritt li jkun assistit minn avukat. Stqarr illi huwa kien xtara żiemel bi tpartit xi erba' xhur qabel u kien f'qagħda ta' saħħa ħażina. Ma tantx kellu ħin x'jiddedika għall-kura taż-żiemel u għalhekk kien tah lil Felice Delia biex jitmagħhulu u jeħodlu ħsieb u kien iħalli f'idejh, għalkemm mhux l-ewwel darba li kien iċempillu biex iġiblu xi xkora ġwież. Kien iħallilu ħafna tiben ukoll sakemm dam jieħu ħsieb dan iż-żiemel. Dan iż-żiemel huwa jaqbel li hu l-istess żiemel li jidher f'ritratti li ntwerielu dak il-ħin waqt l-interrogazzjoni (esebit Dok. EM1).

Xi tliet ġimgħat qabel iż-żiemel ittieħed mill-uffiċjali tal-Animal Welfare, huwa ried ineħħih u jbiegħu għaliex ma kellux ċans jieħu ħsiebu minħabba xogħol u familja, iżda Felice Delia kien qallu li lest li jieħdu hu u hu kien tahulu. Huma ftiehmu li Delia kellu jieħu ħsieb iż-żiemel hu u ma jkollux x'jaqsam iktar miegħu. Stqarr li dak iż-żmien iż-żiemel kien għadu sew.

Fil-fatt Felice qatt ma reġa' ċempillu ħlief meta darba ċempillu għaliex iż-żiemel kien waqa' u ma setax iqajmu waħdu. Kien il-Ħadd u kellu jinżel minn Għawdex fejn sab iż-żiemel mimdud mal-art jagħti b'saqajh u bagħtu għand xi ħadd il-Marsa fejn ġab titqib għall-uġigħ ta' żaqq u għamlu ġimgħa jtaqqbuh u tawh il-kors kollu. Bit-titqib iż-żiemel beda jqum bil-mod iżda bil-lejl kien jaqa' u peress li kien jitħabat kien hawnhekk li bdew joħorġulu l-slieħ u l-feriti. Qal li kien inaddfulu l-feriti flimkien ma' Felice Delia. Lucas Vassallo qal ukoll illi ġurnata qabel li ż-żiemel ittieħed mill-

uffiċjali tal-Animal Welfare, huwa mar mal-mara biex itawwlu liż-żiemel u marru wkoll itawwlulu l-għada filgħodu u rawh fuq saqajh. Madankollu, dakinhar stess ftit tal-ħin wara ġew ħadu ż-żiemel.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, fehmet illi ż-żiemel in kwistjoni kien jappartjeni lill-imputat Lucas Vassllo iżda hu kien fdah lill-imputat Felice Delia biex iżommu fl-għalqa tiegħu u jeħodlu ħsiebu. Dan stqarrewh l-imputati nfushom separatament meta ġew interrogati mill-Pulizija fit-2 ta' Lulju 2021 u fl-21 ta' Lulju 2021 rispettivament, skont kif jirriżulta mill-istqarrijiet tagħhom esebiti in atti.

Il-Qorti m'għandha ebda dubju illi l-imputat Felice Delia, kif stqarr huwa stess waqt l-interrogazzjoni tiegħu, kien aċċetta li jżomm u li jieħu ħsieb iż-żiemel tal-imputat Lucas Vassallo u illi baqa' jieħu responsabbilita' għal dan iż-żiemel għal tliet xhur sħaħ sakemm iż-żiemel ittieħed mill-post fejn kien jinżamm mill-uffiċjali tal-Animal Welfare fit-23 ta' Ġunju 2021.

Fil-fatt, jirriżulta wkoll li kien Felice Delia nnifsu li fl-24 ta' Ġunju 2021 mar jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż Żabbar illi ż-żiemel kien ġie misruq minn ġol-istalla fejn kien jinżamm fil-paddock tiegħu.

In kwantu għall-imputat Lucas Vassallo, huwa stqarr li ż-żiemel kien tiegħu u kien jieħu ħsiebu flimkien mal-imputat l-ieħor, li kien aċċetta li jżommu u jieħu ħsiebu. Madankollu, huwa jinsisti illi tliet ġimgħat qabel iż-żiemel ittieħed mill-uffiċjali tal-Animal Welfare, iż-żiemel tah lil Felice Delia u kien ftiehem miegħu li ma jkollux iktar x'jaqsam miegħu.

Il-Qorti fliet l-istqarrija tal-imputat Lucas Vassallo u tqis li minkejja li huwa sostna li ż-żiemel kien ħadu l-imputat Felice Delia bil-patt li ma jkollux x'jaqsam iktar maż-żiemel, jirriżulta mill-istess stqarrija tiegħu illi minkejja li kien sar dan il-ftehim,

Lucas Vassallo xorta waħda aċċetta li jibqa' jieħu ħsieb iż-żiemel. Fil-fatt, kif stqarr huwa stess, meta ż-żiemel marad, l-imputat Delia kien ċempel lilu u mhux lil xi ħaddieħor biex jgħidlu li ż-żiemel kien f'qagħda ta' saħħa ħażina u biex jgħinu. Kemm hu hekk, ammetta fl-istqarrija tiegħu li kien mar huwa stess jixtri l-mediċina għaż-żiemel, kien jgħin lil Felice Delia jtaqqbu u jqajmu fuq saqajh meta kien jaqa', kif ukoll idewwilu l-feriti: dan kollu fuq medda ta' mill-inqas ġimgħa. Tant kien għadu responsabbli għaż-żiemel fiż-żmien meta dan ittieħed minn fuq il-post mill-uffiċjali tal-Animal Welfare, li Lucas Vassallo nnifsu stqarr li kien imur jittawwal liż-żiemel sa dakinhar stess meta ttieħed mill-post mill-Uffiċjali għall-Ħarsien tal-Annimali.

Minn dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li ż-żewġ imputati kienu jgħinu lil xulxin jieħdu ħsieb dan iż-żiemel u għaldaqstant huma entrambi persuni li aċċettaw ir-responsabbilita' għaż-żiemel u li jieħdu ħsiebu.

Stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ jekk jikonkorru wkoll l-elementi materjali kostituttivi l-oħra tar-reati taħt l-Artikolu 8(4) 8 l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 li dwarhom l-imputati jinsabu mixlija.

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda li xehdu dwar l-istat li kien fih iż-żiemel li ttieħed mill-pussess tal-ko-imputati.

**Dr. Luke Vella Versin** xehed illi ż-żiemel kien miżmum ġo kamra tal-ġebel li ma dehritx li kienet f'qagħda sigura strutturalment u meta mar fuq il-post fit-23 ta' Ġunju 2021 flimkien ma' Fiorita Sammut, sab liż-żiemel "*fi stat terribbli*", "*fi stat gravi, gravi ħafna, jiġifieri stat ta' bejn ħajja u mewt, kien mimli kollu ... maggots, dud tad-dubbien, feriti kullimkien ma' ġismu , irqiq ħafna ... l-aħħar stage tal-ħajja kważi ... bilkemm kien felaħ jimxi*". Qal ukoll: "*mhux xi ħaġa ta' kuljum tara żiemel f'dak l-*

*istat.*"[1] Iddeskriva li l-kamra fejn kien miżmum iż-żiemel kienet magħluqa b'xatba kellha terran imqalleb magħmul minn ġebel mhux invell. Ikkonferma wkoll li ma kienx hemm ilma tajjeb għax-xorb għalkemm kien hemm xi qxur ta' ħaxix mal-art[2]. Xehed ukoll li ż-żiemel tant kellu feriti fondi f'saqajh u taħt idejh li d-dubbien kien qed ibid ġo fihom u tant kienu ġew traskurati dawn il-feriti li kien fihom mijiet jekk mhux eluf ta' *maggots*[3].

**Corinne Farrugia** li tieħu ħsieb l-RMJ Horse Rescue, ikkonfermat l-istat gravi li kien jinsab fih iż-żiemel meta ttieħed għandha fit-23 ta' Ġunju 2021 u fissret li fit-tnax-il sena li ilha ssalva u tieħu ħsieb iż-żwiemel, dan kien l-iktar każ gravi li qatt rat, fejn iż-ziemel kellu bżonn kura medika l-ħin kollu, tant illi hija għamlet iljieli sħaħ torqod miegħu peress li għamel l-ewwel xaharejn bejn ħajja u mewt. Ikkonfermat ukoll li ż-żiemel hija semmietu 'Baby' għaliex kien għadu żgħir ħafna meta ġabuh għandha u bil-kura li tawh fl-RMJ Horse Rescue, iż-żiemel illum irkupra u jinsab fi stat tajjeb.

**PC866 George Attard** xehed hekk dwar l-istat li fih sab iż-żiemel[4]: "*...tal-biża', l-istat li kien fih l-annimal ... Iż-żiemel sibtu mingħar ikel, mingħajr ilma, xejn ma kellu jiġifieri. ... kien fuq saqajh iż-żiemel pero' kien fuq rasu ġol-art, distakkat, ma jridx kuntatt ma' ħadd ...*".

**Dr. Steve Farrugia**, tabib veterinarju, xehed illi ż-żiemel kien fi stat gravi ħafna, kellu feriti pjuttost gravi l-iktar fil-minkbejn ta' saqajh ta' quddiem, li kienu infettati u mimlijin *maggots*, u kellu wkoll feriti oħrajn kullimkien, uħud minnhom mimlijin qamel u ħniex. Iż-żiemel kien ukoll bla saħħa u kien għadma u ġilda[5]. Huwa beda jagħtih trattament fit-23 ta' Ġunju 2021 u għamel ix-xhur ta' Ġunju u Lulju jmur jarah darbtejn kuljum fejn kompla jagħtih trattament mediku sal-aħħar ta' Awwissu 2021.

---

[1] Ix-xhud għamel referenza għal ritratti Dok. EM5 u Dok. EM6, li kien ħadhom huwa stess. Ara wkoll xhieda ta' Fiorita Sammut, 6 ta' April 2022.

[2] Ara ritratt f'paġna 84 tal-atti tal-kawża.

[3] Ix-xhud esebixxa rapport redatt minnu stess u minn Fiorita Sammut, Dok. LVV inkluż ritratti li ttieħdu minn dawn iż-żewġ xhieda.

[4] Xhieda 21 ta' Novembru 2022. Ara rapport tal-okkorrenza (Dok. GA1) tat-23 ta' Ġunju 2021.

[5] Huwa għamel referenza għar-ritratti formanti parti mid-dokumenti maħruġa mill-pendrive Dok. CF1, immarkati komplessivament Dok. SF1.

Ikkonferma li Dok. SF1 fih rapport li huwa għamel dwar l-okkazzjonijiet kollha li mar jitratta ż-żiemel b'rendikont tal-ispejjeż li tal-mediċini u vitamini li ngħataw liż-żiemel.

Għall-Qorti dan kollu jfisser illi ż-żewġ imputati, bħala persuni li kienu aċċettaw ir-responsabbilita' li jżommu jew jieħdu ħsieb taż-żiemel, naqsu milli jaddottaw prattiċi tajbin biex jiġu żgurati s-saħħa u l-benessere taż-żiemel. L-istat kritiku li fih instab iż-żiemel fit-23 ta' Ġunju 2021 kif deskritt fix-xhieda ta' Coreen Farrugia, Dr. Luke Vella Verzin, Fiorita Sammut, Dr. Steve Farrugia u PC866 George Attard u kif jirriżulta mir-ritratti esebiti fl-atti[6], ftit iħalli lok għal ekwivoċi dwar dan. Il-Qorti fehmet illi din il-qagħda ta' tagħdir huwa dovut għal nuqqas assolut mhux biss ta' ikel u kura ordinarja iżda wkoll ta' trattament u kura medika li l-annimal evidentement kellu bżonn. Nuqqas li huwa diffiċli li wieħed jifhem meta l-imputat Felice Delia stqarr huwa stess li joqgħod ġewwa razzett li jirriżulta li jinsab biss ftit metri 'l bogħod mill-kamra fl-għalqa fejn kien qed jinżamm dan iż-żiemel.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li f'dan l-istat pjetuż taż-ziemel, li kien magħdur ħafna tant li kien wasal f'xifer il-mewt u ma kellux la ikel u lanqas ilma, leġittimament tista' tinġibed inferenza ta' fatt li ż-żiemel sofra uġigħ, tbatija u dwejjaq mingħajr bżonn. Huwa minnu li dan l-istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pożittiv imwettaq deliberatament mill-imputati fil-konfront taż-żiemel li kien fil-kustodja tagħhom, iżda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement sofra l-annimal u lanqas mill-ħtija tal-imputati ghar-reati lilhom addebitati.

Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li* ***ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija*** *li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan*

[6] Dok. EM5 u EM6, kif ukoll ara Dok. CG1 u Dof. SF1.

*tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*." (emfasi tal-Qorti)

Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "*moħqrija*": minn eżami tal-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputati mill-ħarsien serju tal-benessere u l-ħtiġiet taż-żiemel in kwistjoni fuq medda ta' żmien. Kellu jkun altru minn evidenti għalihom wara li l-qagħda ta' saħħa taż-żiemel baqgħet sejra lura, li kellu bżonn attenzjoni u kura medika professjonali urġenti iżda minkejja dan, ma jirriżulta minn imkien mill-provi u l-atti proċesswali li xi ħadd mill-imputati qatt bagħat għal tabib veterinarju biex jeżamina liż-żiemel u jikkurah, għalkemm skont huma stess ma setax jibqa' fuq saqajh u kien qed jaqa' kontinwament. Huwa minnu li l-imputati t-tnejn stqarrew li huma pprokuraw mediċina għaż-żiemel iżda ma hemm xejn li juri li din il-mediċina kienet xierqa, wisq inqas li kienet effettiva, partikolarment meta ma jirriżultax li din ġiet preskritta minn tabib veterinarju jew abbażi ta' eżami professjonali tal-annimal.

Ma jirriżultax lanqas illi l-imputati għamlu xi tentattiv biex ineħħu liż-żiemel mill-post fejn kien qed jinzamm, liema post evidentement la kien adegwat u sigur u lanqas komdu biex jinżamm żiemel fih, wisq inqas żiemel li kien fi stat ta' saħħa kritika li *ex admissis* lanqas felaħ joqgħod fuq saqajh. Żiemel li f'kull każ kien jiddependi mill-imputati għall-għajxien u l-benessere tiegħu anke minħabba l-fatt li kienu qed jinżamm maqful ġewwa paddock mingħajr provvista adegwata ta' ikel u ilma.

Il-Qorti ma tistax tikkonkludi b'xi qies ta' ċertezza li meta ż-żiemel ġie akkwistat mill-imputat Lucas Vassallo u beda jinżamm fil-paddock ta' Felice Delia tliet xhur qabel, ma kienx diġa' fl-istat magħdur li nstab fih fit-23 ta' Ġunju 2021. Iżda indubbjament, kellu jkun ovvju għall-imputati li ż-żiemel kien qed ibati fl-istat li kien spiċċa fih, fejn *ex admissis* beda jaqa' u jitħarbat mal-art u ġarrab diversi feriti. Bħalma kellu jkun ovvju wkoll li l-inazzjoni u passivita' tagħhom tikkostitwixxi moħqrija. Tant hija evidenti li l-imputat ġiegħluh ibati, li l-feriti li ġarrab iż-żiemel

talanqas tliet ġimgħat qabel[7] mhux biss ma ġewx ikkurati iżda tħallew jiddeterjorjaw u jiġu infestati bid-dud.

Il-Qorti rat il-filmati li jinsabu f'Dok. CG1 u r-ritratti relattivi, inkluż dawk formanti parti mir-rapport Dok. LVV, u ma tistax ma temfasizzax illi dawn l-immagini huma xokkanti u tat-tkexkix. Huwa difficli jitwemmen kif bniedem jista' xjentement jagħżel li jħalli lill-annimal tiegħu jispiċċa fi stat magħdur u kritiku bħal dak riskontrat f'dawn l-immaġini u fix-xhieda tad-diversi persuni li xehdu f'din il-kawża, **jekk mhux minħabba l-estremi ta' traskuraġni u abbandun**.

Id-drittijiet tutelati mill-provvedimenti tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti promulgati bis-saħħa tal-Att relattiv, jeħtieġu li d-drittijiet tal-annimali jigu rispettati u li l-bniedem li jżomm l-annimali mingħajr ma jassigura li dawn id-drittijiet jigu mħarsa, għandu jkun soġġett ghall-effetti korrispondenti tal-ligi in materja.

Il-Qorti tosserva in konklużjoni, li l-imputati baqgħu ma kkontestawx il-prova li ressqet il-Prosekuzzjoni bix-xhieda ta' Dr. Steve Farrugia u Dok. SF1, li ntefaq xejn inqas mis-somma ta' €4,196.50 fi spejjeż għat-trattament taż-żiemel in kwistjoni. Għaldaqstant sejra tordna illi l-imsemmija somma ta' €4,196.50 titħallas lill-istess Dr. Steve Farrugia b'żieda mal-piena jew f'każ li huwa diġa' tħallas minn RMJ Horse Rescue, lill-istess RMJ Horse Rescue.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Felice Delia ġie mixli wkoll li huwa reċidiv.

Huwa minnu li minn ħarsa ħafifa lejn il-fedina penali tal-imputat, jirriżulta li huwa ġie diversi drabi kkundannat fil-passat b'sentenzi tal-qrati, għal reati kriminali, iżda l-Prosekuzzjoni baqgħet ma pproducietx kopji legali ta' dawn is-sentenzi jew xi waħda

[7] Ara stqarrija ta' Lucas Vassallo.

minnhom, fl-atti proċesswali. Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali m'hijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva għaliex dan ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-imputat FELICE DELIA, wara li rat l-Artikoli 8(2)(3) u (4) u 45(1) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Artikoli 17 u 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), issib lil FELICE DELIA u lil LUCAS VASSALLO ħatja tar-reati kollha addebitati lilhom u tikkudannahom multa ta' tmint elef (€8,000) kull wieħed, pagabbli fi żmien sitt (6) xhur.**

**Għall-fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 45(3) tal- Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'żieda mal-piena,**

**tikkundanna lil FELICE DELIA u lil LUCAS VASSALLO jħallsu lil Dr. Steve Farrugia jew lil RMJ Horse Rescue s-somma ta' somma ta' elfejn u tmienja u disgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,098.25) kull wieħed, ċioe' nofs kull wieħed tas-somma ta' erbat elef mija u sitta u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€4,196.50) rappreżentanti l-ispejjeż imġarrba għat-trattament taż-żiemel.**

**Ukoll ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta), tordna r-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt l-imsemmi Att f'isem l-imputati jew min minnhom u tordna wkoll is-sospenzjoni jew revoka ta' kull liċenza għaż-żamma ta' annimali taħt l-imsemmi Att, dan kollu għal perijodu ta' tliet (3) snin u għal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**